



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 9 ta' Marzu 2023
(OR. en)

7248/23

COPS 122
CFSP/PESC 410
DEVGEN 56
CONUN 78
ENER 110
CLIMA 118
SUSTDEV 41
ENV 220
ONU 21
RELEX 324

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 6233/23	
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar id-Diplomazija dwar il-Klima u l-Enerġija

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar id-Diplomazija dwar il-Klima u l-Enerġija, kif approvati mill-Kunsill fil-laqgħa tiegħu li saret fid-9 ta' Marzu 2023.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar id-Diplomazija dwar il-Klima u l-Enerġija

"It-tisħiħ tad-diplomazija tal-UE dwar il-klima u l-enerġija f'deċennju kruċjali"

1. Il-konsegwenzi tal-kriżi planetarja tripla tat-tibdil fil-klima, it-telf tal-bijodiversità u t-tniġġis joħlqu theddida globali u eżistenzjali, li taffettwa b'mod partikolari lil daww l-aktar vulnerabbli, iżżid il-faqar u l-inugwaljanza u taffettwa l-istabbiltà. Għalhekk, id-Diplomazija tal-UE dwar il-Klima u l-Enerġija hija komponent ewlieni tal-politika barranija tal-UE. L-UE hija determinata li tidħol fi djalogu u taħdem ma' sħab madwar id-dinja permezz tad-Diplomazija tagħna dwar il-Klima u l-Enerġija: biex jiġi implimentat il-Ftehim ta' Pariġi; biex tiġi limitata ż-żieda fit-temperatura globali għal 1.5°C meta mqabbla mal-livelli preindustrijali; biex jiġu appoġġati daww l-aktar vulnerabbli, b'mod partikolari fil-pajjiżi l-anqas żviluppati (LDCs) u l-Istati Għejjer Żgħar li qed Jiżviluppaw (SIDS), fl-adattament għall-effetti tat-tibdil fil-klima; u biex jiżdied il-finanzjament kollettiv għall-klima. L-UE ser tkompli tappoġġa wkoll tranżizzjonijiet ġusti lejn ekonomiji u soċjetajiet newtrali għall-klima u reżiljenti, f'konformità mal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli, u l-Aġenda ta' Azzjoni ta' Addis Ababa dwar il-finanzjament għall-iżvilupp. F'dan il-kuntest, l-UE tissottolinja l-importanza ta' approċċ multilaterali b'saħħtu bbażat fuq ir-regoli, bin-NU fil-qalba tiegħu, biex dawn l-isfidi globali jiġu indirizzati b'suċċess.
2. Il-gwerra ta' aggressjoni illegali, mhux provokata u mhux ġustifikata tar-Russja kontra l-Ukrajna, li tikkostitwixxi ksur ċar tal-Karta tan-NU, ħolqot tbatija umana indeskrivibbli, ħsara ambjentali massiva u żieda fir-riskji għas-sikurezza nukleari fl-Ukrajna. Hija kkaġunat kriżi tas-sigurtà tal-enerġija u tal-ikel b'impatti globali. Il-Kunsill jirrifjuta l-użu tal-enerġija u l-ikel bħala arma. Malajr kemm jista' jkun, l-UE ser ittemm gradwalment id-dipendenza tagħha fuq il-gass, iż-żejt u l-faħam importati mir-Russja. L-UE hija impenjata bis-siħ li tkompli tappoġġa lis-sħab u b'mod partikolari lill-Ukrajna, inkluż fir-rispons għall-qerda sistematika min-naħa tar-Russja tal-infrastruttura kruċjali tal-Ukrajna, u b'mod partikolari s-sistema tal-enerġija. L-UE ser tikkontribwixxi għall-ħtiġijiet tagħha ta' rkupru u reżiljenza u ser tassisti t-tranżizzjoni ekonomika u enerġetika fit-tul tagħha. L-ekoloġizzazzjoni tar-rikostruzzjoni tal-Ukrajna tista' sservi bħala wieħed mill-pedamenti ta' benefiċċju għal kulħadd tal-integrazzjoni aktar mill-qrib tal-Ukrajna mal-UE.

3. Fid-dawl tas-sejbiet tal-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima (IPCC), il-Kunsill jissottolinja bil-qawwa li l-kriżi klimatika teħtieġ azzjoni immedjata, urġenti, aċċellerata u ambizzjoni msaħħa. Azzjoni ta' mitigazzjoni b'saħħitha u ambizzjuża hija l-aħjar għodda biex jiġu evitati ħtigiġiet akbar ta' adattament, kif ukoll telf u ħsara assoċjati mal-effetti negattivi tat-tibdil fil-klima. Hemm soluzzjonijiet disponibbli fis-setturi kollha li, flimkien, jistgħu jnaqqsu bin-nofs l-emissjonijiet globali tal-gassijiet serra sal-2030, kif indikat mill-IPCC. Il-Kunsill iħeġġeġ lis-sħab biex iħaddnu l-opportunitajiet, biex joħolqu tkabbir ekonomiku u impjiegi sostenibbli.
4. L-ambizzjonijiet kollettivi żero netti tad-dinja għandhom il-potenzjal li jnaqqsu ż-żieda fit-temperatura b'mod sinifikanti, iżda l-politiki u l-investimenti attwali għandhom ferm insuffiċjenti biex jibqgħu b'mod sikur fi ħdan l-għan ta' Pariġi rigward it-temperatura. Il-limitazzjoni taż-żieda fit-temperatura għal 1.5°C tnaqqas b'mod sostanzjali l-impatti tat-tibdil fil-klima. F'dan il-kuntest, il-Kunsill jappella b'mod urġenti għal aktar azzjoni u ambizzjoni globali f'dan id-deċennju kruċjali, f'konformità mal-analiżijiet tal-IPCC: il-limitazzjoni tat-tisħin għal madwar 1.5°C teħtieġ li l-emissjonijiet globali tal-gassijiet serra jilhq u l-livell massimu tagħhom sa mhux aktar tard mill-2025, u jitnaqqsu b'43 fil-mija sal-2030 meta mqabbla mal-2019. Fil-każ tal-metan, jeħtieġ li jsiru sforzi kollettivi biex l-emissjonijiet globali tal-metan jitnaqqsu b'mill-inqas 30 % mil-livelli tal-2020 sal-2030.

5. Il-Kunsill jappella lill-pajjiżi kollha, u b'mod partikolari lill-emittenti ewlenin kollha u lill-membri tal-G20, biex jirduppjaw l-isforzi tagħhom biex jadottaw u jimplimentaw politiki ambizzjużi dwar il-klima u l-enerġija kompatibbli ma' 1.5°C. F'dan il-kuntest, il-Kunsill jappella lill-pajjiżi kollha, b'mod partikolari dawk li għadhom ma għamlux dan, biex jippreżentaw malajr kemm jista' jkun fl-2023, qabel sew il-COP28, il-Kontributi Stabbiliti fil-Livell Nazzjonali (NDCs) ġodda jew aġġornati tagħhom b'miri aktar b'saħħithom, aktar ambizzjużi u assoluti għat-tnaqqis tal-emissjonijiet fl-ekonomija kollha. Dawn għandhom ikunu mirfuda minn politiki u miżuri konkreti biex jimplimentawhom. L-UE hija impenjata għall-operazzjonalizzazzjoni rapida ta' Programm ambizzjuż ta' Ħidma dwar il-Mitigazzjoni, bħala strument importanti biex jiżdiedu b'mod urġenti l-ambizzjoni u l-implimentazzjoni tal-mitigazzjoni f'dan id-deċennju kruċjali biex jiġu promossi politiki robusti u jiġi esplorat kif is-setturi differenti u tranżizzjoni ġusta tal-enerġija jistgħu jikkontribwixxu għal azzjoni klimatika ambizzjuża u t-tisħiħ tal-impenji. Il-Kunsill jappella wkoll lill-pajjiżi biex jippreżentaw, malajr kemm jista' jkun, Komunikazzjonijiet ta' Adattament u biex jippreżentaw jew jaġġornaw l-Istrateġiji fit-tul tagħhom għal żvilupp b'emissjonijiet baxxi ta' gassijiet serra (LT-LEDS) lejn il-kisba ta' emissjonijiet żero netti sal-2050. L-UE tteġġeg tnaqqis aktar ambizzjuż tal-emissjonijiet fis-setturi kollha, u tilqa' l-impenji minn setturi bħat-trasport, inkluż it-tbaħħir u l-avjazzjoni.
6. Din is-sena, id-dinja għandha opportunità unika biex turi l-progress u ttipprovdi aktar gwida għall-ġenerazzjoni li jmiss tal-NDCs u taqbad it-triq it-tajba biex tilħaq l-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi, b'mod partikolari, permezz tas-Summit dwar l-Ambizzjoni Klimatika, flimkien mat-tieni Summit tal-SDG imlaqqa' mis-Segretarju Ġenerali tan-NU f'Settembru, u l-fażi politika tar-"Rendikont Globali" fil-COP28 tal-UNFCCC fl-Emirati Għarab Magħquda. F'dan il-kuntest, l-UE tilqa' r-rapport tas-Segretarju Ġenerali tan-NU "L-Aġenda Komuni Tagħna" u s-Summit dwar il-Futur imħabbar, skedat għall-2024, bħala inċentivi biex tingħata spinta għal aktar azzjoni globali permezz ta' approċċ multilaterali inklużiv u effettiv.

7. L-UE nnifisha qed tieħu azzjoni determinata u deċiżiva biex tnaqqas l-emissjonijiet ta' gassijiet serra netti b'mill-inqas 55 % sal-2030 meta mqabbla mal-livelli tal-1990, biex tilħaq in-newtralità klimatika sa mhux aktar tard mill-2050, u biex timmira għal emissjonijiet negattivi minn hemm 'il quddiem. Il-Kunsill jinsab lest, kif espress fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 2022, biex malajr kemm jista' jkun wara l-konklużjoni tan-negozjati dwar l-elementi essenzjali tal-pakkett "Lesti għall-Mira ta' 55 %", jaġġorna, kif xieraq, l-NDC tal-UE u l-Istati Membri tagħha, f'konformità ma' § 29 tal-Patt ta' Glasgow dwar il-Klima u § 23 tal-Pjan ta' Implimentazzjoni ta' Sharm el-Sheikh biex jirrifletti kif l-eżitu finali tal-elementi essenzjali tal-pakkett jimplimenta l-mira ewlenija tal-UE kif approvata mill-Kunsill Ewropew f'Diċembru 2020. L-UE għandha tistabbilixxi l-mira klimatika tagħha f'konformità mal-Liġi Ewropea dwar il-Klima. Għal dak l-għan, mhux aktar tard minn sitt xhur mill-ewwel Rendikont Globali, il-Kummissjoni għandha tagħmel proposta leġiżlattiva, kif xieraq, ibbażata fuq valutazzjoni tal-impatt dettaljata. Il-Kunsill jistieden lir-Rappreżentant Għoli u lill-Kummissjoni, flimkien mal-Istati Membri tal-UE permezz tad-Diplomazija tagħna dwar il-Klima biex jappellaw lill-pajjiżi l-oħra kollha biex huma wkoll jistabbilixxu ambizzjonijiet għoljin malajr kemm jista' jkun għaċ-ċiklu li jmiss tal-NDCs wara l-2030, u ferm qabel il-COP30 fl-2025. Bis-Sistema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet bħala element kruċjali tar-rispons ta' politika tal-UE, l-UE tħeġġeġ lis-sħab jistabbilixxu u jestendu l-istrumenti tal-ipprezzar tal-karbonju tagħhom stess biex inaqqsu l-emissjonijiet b'mod effettiv u effiċjenti.
8. Il-Kunsill jissottolinja bil-qawwa l-importanza kruċjali li jissaħħu l-miżuri ta' adattament u reżiljenza madwar id-dinja u l-ħtieġa urġenti li jiżdiedu l-azzjoni u l-appoġġ biex jiġu evitati, minimizzati u indirizzati t-telf u l-ħsara assoċjati mal-impatti tat-tibdil fil-klima. Il-Kunsill jenfasizza wkoll l-importanza tal-ippjanar ta' adattament nazzjonali u lokali, biex tiġi appoġġata implimentazzjoni effettiva u mmexxija lokalment, u l-importanza li jinkiseb l-Għan Globali dwar l-Adattament. F'dan il-kuntest, il-Kunsill jappoġġa l-operazzjonalizzazzjoni sħiħa u effettiva tan-Network ta' Santiago, l-implimentazzjoni tal-Qafas ta' Sendai għat-Tnaqqis tar-Riskju ta' Diżastri, kif ukoll ir-rieżami ta' nofs it-terminu tiegħu, li għandu jitwettaq fl-2023, u l-implimentazzjoni effettiva tal-pjanijiet nazzjonali ta' adattament.

9. Il-Kunsill jikkonferma l-impenn tal-UE li tappoġġa dawk l-aktar vulnerabbli, speċjalment fil-pajjiżi l-anqas żviluppati u stati gżejjer żgħar li qed jiżviluppaw, u li ssaħħa in-network eżistenti ta' istituzzjonijiet li bħalissa qed jipprovdu assistenza u bini tal-kapaċitajiet lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw fit-tħejja għall-impatti klimatiċi u r-rispons għalihom. F'dan l-ispirtu, l-UE u l-Istati Membri tagħha jissottolinjaw is-sejħa tal-COP 26 fi Glasgow, biex mill-inqas jiġi rduppjat il-forniment kollettiv ta' finanzjament għall-klima b'rabta mal-adattament għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw sal-2025, meta mqabbel mal-livelli tal-2019.
10. Il-Kunsill jappella lill-UE u l-Istati Membri tagħha biex ikomplu jżidu l-finanzjament għall-adattament u r-reżiljenza għall-klima, b'enfasi fuq dawk l-aktar vulnerabbli permezz ta' Inizjattivi konġunti ta' Tim Ewropa kif ukoll permezz ta' strumenti internazzjonali oħra bħat-Tarka Globali Kontra r-Riskji Klimatiċi V20/G7. L-UE tappoġġa bis-sħiħ l-appell tas-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti għal kopertura universali ta' sistemi ta' twissija bikrija li jsalvaw il-ħajja fil-ħames snin li ġejjin inkluż permezz ta' aktar appoġġ għall-Inizjattiva dwar ir-Riskji tal-Klima u s-Sistemi ta' Twissija Bikrija (CREWS) u permezz tal-Faċilità Finanzjarja ta' Osservazzjoni Sistematika (SOFF).
11. Il-Kunsill jappella lill-UE u l-Istati Membri tagħha biex ikomplu jinvolvu ruħhom b'mod kostruttiv fid-diskussjonijiet dwar arranġamenti ġodda ta' finanzjament, inkluż fond, biex jassistu lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw li huma partikolarment vulnerabbli, biex jirrispondu għat-telf u l-ħsara assoċjati mal-effetti negattivi tat-tibdil fil-klima. Il-Kunsill jappella lis-sħab kollha, mir-reġjuni kollha, f'pożizzjoni li jagħmlu dan u lil hinn mill-bażi tradizzjonali ta' fornituri ta' finanzjament għall-iżvilupp, biex jespandu l-appoġġ tagħhom kif ukoll biex jidentifikaw sorsi ġodda ta' finanzjament, inkluż sorsi innovattivi, billi jsaħħu l-komplementarjetà, is-sinerġiji, il-koerenza u l-koordinazzjoni, u billi jippruvaw jagħlqu l-lakuni prijoritarji fil-mużajk eżistenti ta' soluzzjonijiet u istituzzjonijiet.

12. Minħabba l-interdipendenzi intrinziċi bejn it-tibdil fil-klima, it-telf tal-bijodiversità u d-degradazzjoni tal-art inkluż id-deżertifikazzjoni, u l-alterazzjonijiet taċ-ċiklu tal-ilma, il-Kunsill jappella lill-UE u l-Istati Membri tagħha biex ikomplu jżidu l-miżuri, inkluż il-finanzjament għall-bijodiversità u s-soluzzjonijiet u s-sħubijiet ibbażati fuq in-natura. Il-Kunsill jirrikonoxxi r-rwol kruċjali tal-oċeani, il-funzjoni tal-"karbonju blu" tagħhom u l-ħtieġa kruċjali li jiġu protetti, konservati u restawrati l-ekosistemi terrestri, inkluż il-foresti kif ukoll l-ekosistemi tal-ilmijiet interni u kostali fil-mitigazzjoni, l-adattament u l-bini tar-reżiljenza kontra l-effetti tat-tibdil fil-klima. Il-Kunsill jirrikonoxxi wkoll il-ħtieġa għal approċċ komprensiv dwar l-isfidi relatati mal-ilma, u jilqa' l-Konferenza tan-NU dwar l-Ilma tal-2023. Il-Kunsill jirrikonoxxi l-ħtieġa għal azzjoni msaħħa dwar l-ilma u huwa impenjat li jmexxi 'l quddiem l-Aġenda ta' Azzjoni dwar l-Ilma li jmiss, bħala parti mid-Diplomazija tiegħu dwar il-Klima u l-Enerġija. Barra minn hekk, il-Kunsill jissottolinja l-importanza li jintemm it-tniġġis tal-plastik. Il-Kunsill jenfasizza wkoll l-importanza tal-protezzjoni tal-wirt kulturali kontra l-effetti devastanti tat-tibdil fil-klima u l-eventi ta' temp estrem.
13. Il-Kunsill jilqa' l-Qafas Globali tal-Bijodiversità Kunming-Montreal, il-ftehim storiku adottat fil-Konferenza tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Bijodiversità (il-15-il Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika (CBD COP 15), li huwa qafas għal azzjoni globali dwar il-bijodiversità sal-2030 u lil hinn, u jappella għall-implimentazzjoni effettiva tiegħu, inkluż permezz ta' preżentazzjoni bikrija ta' strateġiji u pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali għall-bijodiversità (NBSAP) ta' kwalità għolja, fil-ħin għall-konsiderazzjoni fis-CBD COP16. Flimkien mal-Ftehim ta' Pariġi, il-Qafas iwitti t-triq lejn dinja newtrali għall-klima, pożittiva għan-natura u reżiljenti sal-2050.

14. Il-Kunsill jilqa' l-impenn li l-finanzjament estern tal-UE jiġi rduppjat għal €7 biljun għall-perjodu 2021-2027 għall-bijodiversità, b'mod partikolari għall-pajjiżi l-aktar vulnerabbli, kif ukoll impenji simili meħuda minn xi Stati Membri tal-UE qabel u fis-CBD COP15, filwaqt li jirrikonoxxi li huma meħtieġa finanzjament u investimenti addizzjonali sinifikanti mill-pajjiżi u s-sorsi kollha, kif ukoll li jiġu evitati investimenti li jista' jkollhom impatti negattivi fuq il-bijodiversità u n-natura.
15. L-UE – inkluż l-Istati Membri tagħha u l-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) – hija l-akbar kontributor tal-finanzjament pubbliku għall-klima madwar id-dinja, u għadha impenjata bis-sħiħ li tikkontribwixxi biex tintlaħaq il-mira kollettiva ta' USD 100 biljun malajr kemm jista' jkun u sal-2025, biex tappoġġa l-azzjoni klimatika fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw u l-appelli tal-UE lil donaturi oħra biex iżidu l-isforzi tagħhom f'dan ir-rigward. L-istrateġija tal-Global Gateway tal-UE u l-approċċ tagħna ta' Tim Ewropa huma strumenti ewlenin fl-iżgurar ta' investimenti sostenibbli fil-pajjiżi sħab tal-UE.
16. Il-Kunsill jenfasizza l-urġenza li l-flussi finanzjarji jsiru konsistenti mal-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi, li jiġi mobilizzat sostanzjalment aktar finanzjament klimatiku globalment, li jiżdied il-finanzjament sostenibbli f'pajjiżi b'introjtu baxx u medju, u li jiġi allokat appoġġ adegwat b'mod partikolari lil dawk l-aktar foqra u l-aktar vulnerabbli fl-LDCs u l-SIDSs. F'dan il-kuntest, il-Kunsill jenfasizza l-importanza li titħaffef il-mobilizzazzjoni tal-finanzjament privat għal proġetti ta' mitigazzjoni u adattament għat-tibdil fil-klima, infrastruttura reżiljenti għat-tibdil fil-klima u attivitajiet oħra ta' żvilupp u beni pubbliċi globali. Il-Kunsill jissottolinja l-ħtieġa li l-Ministeri għall-Finanzi jiġu involuti f'din il-ħidma, inkluż permezz tal-Koalizzjoni tal-Ministri għall-Finanzi għall-Azzjoni Klimatika, sabiex jiġu aċċellerati t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u tinkiseb mobilizzazzjoni fuq skala wiesgħa tar-riżorsi finanzjarji f'konformità mal-għanijiet ta' Pariġi. Il-Kunsill ser jistinka biex jiżgura spazju ddedikat biex jiġi diskuss l-allinjament tal-flussi finanzjarji, b'konsistenza ma' perkorsi ta' newtralità klimatika u żvilupp reżiljenti għat-tibdil fil-klima, inkluż fil-COP28 f'Dubai. Il-Kunsill jilqa' l-ħidma li għaddejja tal-Grupp ta' Esperti ta' Livell Għoli dwar iż-żieda fil-finanzjament sostenibbli f'pajjiżi b'introjtu baxx u medju għall-implimentazzjoni tad-dimensjoni esterna tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-iżvilupp tal-Pjan Direzzjonali għal Finanzi Ċirkolari.

17. Aċċess imtejjeb għall-finanzjament għal azzjonijiet klimatiċi u t-tnaqqis tal-kostijiet ta' finanzjament għall-proġetti ta' mitigazzjoni u adattament għat-tibdil fil-klima fil-pajjiżi li huma l-aktar vulnerabbli għat-tibdil fil-klima, filwaqt li jitqies il-piż tad-dejn tagħhom, huwa kruċjali għall-għan kollettiv li jiżdied il-finanzjament għall-klima u li jintlaħqu l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli. Il-Kunsill għalhekk jilqa' l-appell li sar fil-COP27 f'Sharm El-Sheikh lill-partijiet ikkonċernati kollha tal-Banek Multilaterali tal-Iżvilupp (MDBs) u l-Istituzzjonijiet Finanzjarji Internazzjonali (IFIs) biex jirrifurmaw il-prattiki u l-prijoritajiet tal-MDBs u biex il-flussi finanzjarji kollha jsiru konsistenti man-newtralità klimatika- u mal-perkorsi ta' żvilupp reżiljenti għat-tibdil fil-klima u jappella għal perjodu ta' żmien ċar. Il-Kunsill iħeġġeġ ukoll lill-MDBs biex isaħħu l-għarfien espert tekniku li joffru lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw biex jellaboraw, fost l-oħrajn, proġetti ta' tranżizzjoni tal-enerġija li ser jattiraw investituri privati domestiċi u barranin.
18. Il-Kunsill jilqa' r-rakkomandazzjonijiet mill-Analiżi Indipendenti tal-Bord ta' Esperti tal-G20 tal-Oqfsa tal-Adegwatezza Kapitali tal-MDB u jappoġġa l-implimentazzjoni rapida tagħhom. Il-Kunsill jappella lill-MDBs biex jimplimentaw ir-rakkomandazzjonijiet applikabbli, wara analiżi bir-reqqa tal-implikazzjonijiet tagħhom, mingħajr ma jipperikolaw l-istatus ta' kreditur preferut tal-MDBs, il-klassifikazzjonijiet tal-kreditu għoljin u l-istabbiltà finanzjarja fit-tul. Ir-rappreżentanti tal-UE u l-Istati Membri tagħha, bħala membri tal-Bordijiet tal-MDBs u l-IFIs, ser jikkoordinaw biex jinkoraġġixxu u jappoġġaw proposti ambizzjużi biex l-istrateġiji tal-MDBs u tal-IFIs jiġu allinjati aktar mal-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi u biex jiżdied b'mod sinifikanti l-finanzjament għall-klima u jilqgħu l-ambizzjoni tal-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) f'dan ir-rigward. Il-Kunsill jistenna b'interess id-diskussjonijiet dwar tali kwistjonijiet, inkluż dwar il-Pjan Direzzjonali għall-Evoluzzjoni tal-Bank Dinji, fil-FMI u l-Laqgħat Annwali u tar-Rebbiegħa tal-Bank Dinji tal-2023 u ser jimpenja ruħu b'mod kostruttiv bil-ħsieb li jiżgura li d-dibattiti jipprovdu kontribut pożittiv għal aktar diskussjonijiet inkluż fil-COP28 f'Dubai. Il-Kunsill jappoġġa wkoll ir-rwol tal-FMI li jgħin lill-membri tiegħu jindirizzaw l-isfidi ta' politika strutturali relatati mal-klima u jilqa' l-fatt li l-konsiderazzjonijiet tat-tibdil fil-klima ġew inkorporati fil-faċilitajiet ta' self eżistenti tal-FMI permezz tal-Fond ta' Reżiljenza u Sostenibbiltà.

19. Il-Kunsill jistenna b'interess is-Summit dwar il-"Patt ta' Finanzjament Globali" f'Ġunju 2023 f'Pariġi, li għandu, fost l-oħrajn, jiffoka fuq il-mobilizzazzjoni ta' aktar finanzjament għall-klima u l-isfruttar ta' sorsi ġodda ta' finanzjament għal pajjiżi vulnerabbli għall-klima, billi jittejbu l-kondizzjonijiet ta' investiment.
20. L-UE u l-Istati Membri tagħha ser ikomplu jżidu l-kooperazzjoni u jaħdmu mill-qrib ma' sħab u organizzazzjonijiet ambizzjużi dwar it-tranżizzjoni globali għusta lejn in-newtralità klimatika. Il-Kunsill jilqa' s-Sħubijiet għal Tranżizzjoni Ġusta tal-Enerġija (JETP) fil-kuntest tal-G7 mal-Afrika t'Isfel, l-Indoneżja u l-Vjetnam, u huwa impenjat għall-operazzjonalizzazzjoni tagħhom. Il-Kunsill jappoġġa wkoll il-ħidma li għaddejja fuq JETPs oħra. Il-Kunsill jistenna b'interess involviment qawwi mill-pajjiżi sħab ikkonċernati kollha, meħtieġ għal trasformazzjoni mmexxija mill-pajjiżi. B'żieda mal-JETPs, il-Kunsill jistieden lir-Rappreżentant Għoli u lill-Kummissjoni biex ikomplu jibnu fuq l-inizjattivi li għaddejjin u biex jesploraw l-opportunitajiet għal sħubijiet ma' pajjiżi b'dipendenza qawwija fuq il-fjuwils fossili, speċjalment il-faħam, b'mod partikolari fil-Balkani tal-Punent, il-Viċinat tal-Lvant u l-Viċinat tan-Nofsinhar u ma' pajjiżi li qed jiżviluppaw u b'introjtu medju b'emissjonijiet għoljin relatati mal-enerġija.

21. Il-Kunsill jirrikonoxxi li t-tibdil fil-klima, it-telf tal-bijodiversità, id-deżertifikazzjoni, it-tniġġis u d-degradazzjoni ambjentali jirrappreżentaw riskji dejjem akbar għas-sigurtà tal-bniedem, tal-istat u dik reġjonali u jistgħu jaggravaw l-ixprunaturi tal-konflitti u d-dinamika, kif ukoll id-dimensjonijiet tal-fraġilità. Il-Kunsill jafferma mill-ġdid l-impenn diplomatiku tiegħu fir-rigward tal-ilma bħala għodda għall-paċi, is-sigurtà u l-istabbiltà. Il-Kunsill jirrikonoxxi wkoll id-distakk sinifikanti fil-finanzjament għall-klima disponibbli għal Stati fraġli u affettwati minn konflitt. Huwa jilqa' r-Rapport ta' Progress Konġunt 2020-2022 dwar il-Pjan Direzzjonali dwar it-Tibdil fil-Klima u d-Difiża u l-Kunċett għal Approċċ Integrat għall-Klima u s-Sigurtà u jfakkar fil-konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Novembru 2022 dwar in-Nisa, il-Paċi u s-Sigurtà. Il-Kunsill jissottolinja l-importanza tal-integrazzjoni tar-rabta bejn il-klima, il-paċi u s-sigurtà fil-politika u l-azzjonijiet esterni tal-UE, inkluż f'analiżi, fi proċessi u azzjoni antiċipatorja inklużivi tal-klima u tat-tnaqqis tar-riskju ta' diżastri, fit-twettiq tal-konsolidazzjoni tal-paċi, fil-medjazzjoni, fil-prevenzjoni ta' konflitti, fil-kooperazzjoni għall-iżvilupp, fil-finanzjament għall-klima u fid-diplomazija dwar il-klima inkluż id-diplomazija ddedikata fil-qasam tal-ilma. Il-Kunsill jistieden lir-Rappreżentant Għoli biex isaħħaħ il-kapaċitajiet analitiċi, ta' twissija bikrija u ta' prospettiva strateġika tal-UE, jintegra r-rabta bejn il-klima, il-paċi u s-sigurtà, u joħroġ twissija u analiżi f'waqthom dwar ir-riskji relatati mal-klima.
22. Il-Kunsill jilqa' l-intenzjoni tar-Rappreżentant Għoli u tal-Kummissjoni li jippreżentaw proposta konġunta sabiex l-UE tkun tista' tipprevjeni u timmaniġġja aħjar l-implikazzjonijiet komprensivi ta' sigurtà u difiża tat-tibdil fil-klima u tad-degradazzjoni ambjentali. Il-Kunsill jilqa' b'sodisfazzjon u jinkoraġġixxi wkoll aktar kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet internazzjonali u reġjonali oħrajn bħan-Nazzjonijiet Uniti, in-NATO, l-OSKE u l-Unjoni Afrikana, kif ukoll ma' pajjiżi sħab f'konformità mal-qafas istituzzjonali tal-UE u b'rispett sħiħ għall-awtonomija tat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-UE.

23. Il-Kunsill jikkonferma mill-ġdid li l-għan primarju tal-politika esterna tal-UE dwar l-enerġija huwa li tappoġġa, tintensifika u taċċellera t-tranżizzjoni globali tal-enerġija li għaddejjja bħalissa bħala element kruċjali biex tinkiseb in-newtralità klimatika. L-aċċellerazzjoni ta' tranżizzjoni tal-enerġija inklużiva u ġusta hija wkoll is-soluzzjoni ewlenija li tiżgura s-sigurtà tal-enerġija u l-aċċess universali għal enerġija sikura, sostenibbli u affordabbli fl-UE u fil-pajjiżi sħab tagħna madwar id-dinja filwaqt li jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra.
24. Il-Kunsill jirrikonoxxi l-Komunikazzjoni Konġunta "Impenn estern tal-UE dwar l-enerġija f'dinja li qed tinbidel" bħala element essenzjali tal-pjan "REPowerEU" propost mill-Kummissjoni, b'rispons għall-kriżi tal-enerġija kkawżata l-aktar mill-gwerra ta' aggressjoni mir-Russja kontra l-Ukrajna, u bl-użu tal-enerġija bħala arma min-naħa tar-Russja kontra l-UE u l-pajjiżi sħab. L-UE u l-Istati Membri tagħha ser ikomplu jllimitaw l-impatt tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja fuq is-sigurtà tal-enerġija u l-affordabbiltà tal-enerġija f'pajjiżi terzi, b'mod partikolari dawk l-aktar vulnerabbli.
25. Id-diplomazija tal-UE dwar l-enerġija ser tappoġġa b'mod attiv l-implimentazzjoni tas-sanzjonijiet rilevanti u l-introduzzjoni tal-mekkaniżmu tal-limitu massimu tal-prezzijiet fuq iż-żejt u l-prodotti petroliferi Russi.
26. Il-Kunsill jistieden lir-Rappreżentant Għoli u lill-Kummissjoni biex isaħħu, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, is-sensibilizzazzjoni, il-koordinazzjoni u s-sħubiji ma' pajjiżi terzi f'konformità mal-prijoritajiet deskritti hawn taħt. Sħubijiet ġodda fis-settur tal-enerġija għandhom jikkomplementaw il-kooperazzjoni eżistenti dwar l-enerġija ma' sħab ewlenin filwaqt li jissalvagwardjaw ir-reżiljenza, il-kompetittività u r-riżorsi domestiċi tal-UE stess.
27. Id-diplomazija tal-UE dwar l-enerġija ser tippromwovi l-użu dejjem akbar u l-integrazzjoni tas-sistema tal-enerġija rinnovabbli, b'kont meħud tal-istress fuq l-ilma u l-ambjent, u tal-konnettività tal-elettriku. Ser tippromwovi wkoll l-użu ta' teknoloġiji sikuri u sostenibbli b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju.

28. Id-diplomazija tal-UE dwar l-enerġija ser tippromwovi l-iżvilupp ta' swieq tal-idroġenu globali bbażati fuq ir-regoli, trasparenti u mingħajr distorsjoni bbażati fuq standards u skemi ta' ċertifikazzjoni internazzjonali affidabbli.
29. Filwaqt li jirrikonoxxi r-rwol kruċjali tal-effiċjenza fl-użu tal-enerġija u tal-iffrankar tal-enerġija, il-Kunsill jistieden lir-Rappreżentant Għoli u lill-Kummissjoni sabiex jaċċelleraw l-azzjonijiet biex dawn isiru prijorità globali u biex jesploraw it-tnedija ta' inizjattiva mfassla apposta, li tibni fuq l-isforzi internazzjonali eżistenti, flimkien ma' kooperazzjoni bilaterali msaħħa.
30. Il-Kunsill jenfasizza l-ħtieġa ta' investiment fi proċessi industrijali u ktajjen tal-valur dejjem aktar ċirkolari li jikkontribwixxu fit-tranżizzjoni lejn in-newtralità klimatika f'setturi li diffiċli sabiex jittrażżnu. Il-Kunsill jenfasizza wkoll l-importanza ta' innovazzjoni kontinwa, b'mod partikolari f'teknoloġiji kruċjali biex tintlaħaq in-newtralità klimatika, u jappoġġa t-tisħiħ ulterjuri ta' sħubijiet u kooperazzjoni strateġiċi bilaterali fir-riċerka permezz ta' fora globali bħall-Missjoni Innovazzjoni, u l-Forum Ministerjali dwar l-Enerġija Nadifa. L-UE ser tikkoopera ma' sħab internazzjonali biex tirriforma l-oqfsa regolatorji, ser tfittex li ssaħħaħ it-tmexxija teknoloġika tal-kumpaniji tal-UE, tappoġġa l-adozzjoni tal-istandards tal-UE globalment u tippromwovi l-aċċess ġust u mingħajr distorsjoni tan-negozji tal-UE għas-swieq internazzjonali għar-riżorsi u t-teknoloġiji, sabiex tinżamm il-kompetittività, u jiġu evitati dipendenzi ġodda.

31. Il-Kunsill iqis li dipendenza fuq il-fjuwils fossili tħalli lill-pajjiżi vulnerabbli għall-volatilità tas-suq u għar-riskju ġeopolitiku u li l-bidla lejn ekonomija newtrali għall-klima tirrikjedi l-eliminazzjoni gradwali globali tal-fjuwils fossili b'emissjonijiet mhux imnaqqsa, kif definit mill-IPCC, u li dawn jilħqu l-livell massimu fil-konsum taġġhom diġà fi żmien qasir, filwaqt li jirrikonoxxi rwol tranżizzjonali għall-gass naturali. L-UE ser tippromwovi u tappella b'mod sistematiku għal bidla globali lejn sistemi tal-enerġija ħielsa minn fjuwils fossili b'emissjonijiet mhux imnaqqsa ferm qabel l-2050. F'dan ir-rigward, il-Kunsill ifakkar fl-impenn meħud fil-COP 26 biex permezz ta' tnaqqis gradwali ma tibqax tintuża l-enerġija mill-faħam b'emissjonijiet mhux imnaqqsa, u jappella għal trasformazzjoni determinata u ġusta mad-dinja kollha lejn in-newtralità klimatika, inkluż l-eliminazzjoni gradwali tal-faħam b'emissjonijiet mhux imnaqqas fil-produzzjoni tal-enerġija u – bħala l-ewwel pass – it-tmiem immedjat tal-finanzjament kollu ta' infrastruttura ġdida tal-faħam f'pajjiżi terzi.
32. Filwaqt li tirrikonoxxi l-ħtieġa li jingħata appoġġ immirat lill-aktar gruppi vulnerabbli, id-diplomazija tal-UE dwar l-enerġija ser tippromwovi l-eliminazzjoni gradwali globali tas-sussidji għall-fjuwils fossili li jaġġmlu ħsara lill-ambjent, li mhux qed jikkontribwixxu għal tranżizzjoni ġusta lejn sistemi tal-enerġija newtrali għall-klima. Il-Kunsill jilqa' l-progress li sar fl-inizjattiva tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ dwar ir-riformi fir-rigward tas-sussidju fuq il-fjuwils fossili.

33. Matul dawn l-aħħar ftit xhur, l-importazzjoni globali tal-fjuwils fossili lejn l-UE mir-Russja naqset b'mod konsiderevoli. F'dan il-kuntest, id-diplomazija tal-UE dwar l-enerġija ser tappoġġa sforzi urġenti biex tissaħħaħ u tiġi salvagwardjata s-sigurtà tal-enerġija tal-UE filwaqt li jiġu evitati dipendenzi ġodda, li huwa meħtieġ biex tiġi ppreservata l-kompetittività tal-UE u tiġi żgurata enerġija affordabbli għaċ-ċittadini. Filwaqt li huma meħtieġa passi urġenti immedjati u fuq perjodu medju biex ikomplu jiġu diversifikati l-provvisti tal-gass naturali, il-Kunsill ifakkar li, minħabba l-azzjoni kollettiva tal-Istati Membri dwar l-iffrankar tal-enerġija u l-użu aċċellerat tal-enerġija rinnovabbli b'mod partikolari, ma hemm l-ebda hteġa għal sostituzzjoni individwali tal-volumi ta' gass naturali Russu impurtati qabel. Sabiex tappoġġa l-oġettiv tad-diversifikazzjoni tal-enerġija skont ir-REPowerEU, id-diplomazija tal-UE dwar l-enerġija ser tappoġġa l-kuntatti u l-koordinazzjoni ma' produttori affidabbli tal-gass naturali u ma' konsumaturi kbar, ser tippromwovi l-infrastruttura rilevanti, l-interkonnessjonijiet u swieq tal-enerġija trasparenti, ibbażati fuq ir-regoli, miftuħa u likwidi. Id-diplomazija tal-UE dwar l-enerġija ser tappoġġa l-Mekkaniżmu ta' Xiri Konġunt tal-UE skont il-Pjattaforma tal-Enerġija tal-UE, inkluż il-Partijiet Kontraenti tal-Komunità tal-Enerġija, b'attenzjoni partikolari għas-sigurtà tal-enerġija u r-reżiljenza ta' dawn is-sħab. Id-diplomazija tal-UE dwar l-enerġija ser tappoġġa wkoll l-isforzi li qed isiru mill-Istati Membri affettwati biex jidiversifikaw il-provvisti tal-fjuwil nukleari, kif xieraq.
34. Il-Kunsill jenfasizza li l-isforzi ta' diversifikazzjoni tal-fjuwils fossili tal-UE m'għandhomx idgħajfu l-għanijiet fit-tul tan-newtralità klimatika globalment u għandhom jevitaw il-ħolqien ta' lock-ins tal-fjuwils fossili u assi mhux rekuperabbli. L-isforzi ta' diversifikazzjoni għandhom jagħtu preferenza għall-użu tal-infrastruttura eżistenti tal-fjuwils fossili filwaqt li jenfasizzaw il-potenzjal tagħhom għal skop ġdid, u jinkludu azzjoni sistematika biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-metan. Il-Kunsill ifakkar, b'mod partikolari, il-valur tas-sigurtà tal-klima u tal-enerġija tal-iskemi kummerċjali li jibnu fuq il-qbid tal-metan, bħal "You Collect/We Buy". L-azzjoni esterna tal-UE dwar l-enerġija għandu jkollha l-għan li torbot l-isforzi ta' diversifikazzjoni tal-fjuwils fossili ma' sħubijiet ta' tranżizzjoni tal-enerġija fit-tul.

35. Il-Kunsill jenfasizza l-ħtieġa li jiġu appoġġati l-isforzi internazzjonali biex jitnaqqas l-impatt ambjentali u klimatiku tal-infrastruttura eżistenti tal-fjuwils fossili, inkluż il-karbonju iswed. F'dan il-kuntest, l-UE, flimkien mal-Istati Uniti u ma' sħab oħra, ser tkompli tippromwovi u tiżviluppa azzjoni taħt il-Wegħda Globali b'rabta mal-Metan. F'dan ir-rigward, il-Kunsill jilqa' l-iżvilupp tas-Sistema ta' Twissija u Risposta għall-Metan mill-Osservatorju Internazzjonali tal-Emissjonijiet tal-Metan. Il-Kunsill jappella lir-Rappreżentant Għoli u lill-Kummissjoni biex imexxu 'l quddiem il-ħidma fuq id-Dikjarazzjoni Konġunta mill-Importaturi u l-Esportaturi tal-Enerġija dwar it-Tnaqqis tal-Emissjonijiet ta' Gassijiet Serra mill-Fjuwils Fossili.
36. Sabiex tiġi żgurata s-sigurtà tal-enerġija fid-deċennji li ġejjin, il-Kunsill jenfasizza l-ħtieġa li jissaħħu u jiġu diversifikati l-ktajjen tal-provvista dinjija ta' materja prima sostenibbli meħtieġa għat-tranżizzjoni tal-enerġija u jistenna b'interess il-proposta tal-Kummissjoni fir-rigward ta' Att dwar il-Materja Prima Kritika, b'kont sħiħ meħud tad-dimensjonijiet ġeopolitiċi tiegħu.
37. Id-diplomazija tal-UE dwar l-enerġija ser tkompli tippromwovi u tappoġġa l-ogħla standards ta' sikurezza nukleari, ambjentali u ta' trasparenza, fil-livell reġjonali, fil-viċinat immedjat tal-fruntieri tal-UE, u globalment.
38. Il-Kunsill ifakkar fil-ħtieġa urġenti li jinkisbu riżultati konkreti dwar il-faqar enerġetiku u l-aċċess universali għall-enerġija f'konformità mas-Seba' Għan ta' Żvilupp Sostenibbli bl-użu ta' mudelli ta' finanzjament u teknoloġiji innovattivi b'enfasi partikolari fuq l-elettrifikazzjoni rurali, inkluż sistemi tal-enerġija deċentralizzati, u l-isfida tat-tisjir nadif. Il-Kunsill jistenna b'interess ir-rieżami tal-SDG7 fil-Forum Politiku ta' Livell Għoli tal-2023 u t-tieni Summit tal-SDG.

39. Il-Kunsill jenfasizza l-ħtieġa li jiġu żgurati l-arkitettura multilaterali effettiva u l-mekkaniżmi ta' governanza li jixprunaw tranżizzjoni tal-enerġija globali inklużiva u ġusta f'allinjament mal-oġġettivi tal-Ftehim ta' Pariġi, u jfakkar f'dikjarazzjonijiet preċedenti b'appoġġ għall-proċessi ta' riforma li għaddejjin filwaqt li tiġi limitata l-frammentazzjoni ulterjuri tal-inizjattivi.
40. Il-Kunsill jirrikonoxxi li t-tranżizzjoni tal-enerġija lejn in-newtralità klimatika, segwita bil-pass meħtieġ, ser ikollha impatt sinifikanti fuq is-soċjetajiet, l-ekonomiji u l-ġeopolitika madwar id-dinja kollha. Il-politika estera tal-UE ser tkompli ssaħħa il-kapaċità ta' prospettiva biex jiġu antiċipati sfidi ġodda ta' sigurtà u oħrajn ġeopolitiċi u, f'dan il-kuntest, taħdem ma' pajjiżi terzi sħab u ma' inizjattivi u organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti, bħall-IRENA u l-OECD, kif xieraq.
41. Il-Kunsill, flimkien mar-Rappreżentant Għoli u l-Kummissjoni, ser ikompli jsahha il-modi ta' kooperazzjoni eżistenti u jagħti bidu għal oħrajn ġodda ma' pajjiżi sħab, is-soċjetà ċivili u l-inizjattivi taż-żgħażaġh u tan-nisa, bil-għan li tiżdied l-azzjoni klimatika fil-livell reġjonali, nazzjonali u subnazzjonali, b'enfasi fuq il-prinċipju tas-solidarjetà u l-approċċ "ħadd ma jitħalla jibqa' lura" tan-NU. F'dan ir-rigward, il-Kunsill ifakkar fil-Konklużjonijiet tiegħu ta' Ottubru 2022 dwar l-importanza tar-rispett u l-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, id-dritt għas-saħħa, id-dritt għal ambjent nadif, san u sostenibbli, id-drittijiet tal-popli indiġeni kif stabbiliti fid-Dikjarazzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Popli Indiġeni, il-komunitajiet lokali, il-migranti, it-tfal, il-persuni b'diżabbiltà u l-persuni f'sitwazzjonijiet vulnerabbli, kif ukoll l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u t-tgawdija sħiħa tad-drittijiet tal-bniedem kollha min-nisa u l-bniet u t-tishiġ tal-pożizzjoni tagħhom meta jieħdu azzjoni biex jindirizzaw it-tibdil fil-klima.

42. Il-Kunsill huwa impenjat li jippromwovi approċċ ibbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem u ta' rispons għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri għall-azzjoni klimatika, li jippromwovi l-ekwiżità soċjali, il-ġustizzja u l-inklużività fit-tranżizzjoni globali lejn in-newtralità klimatika, il-parteċipazzjoni u l-involvement sħaħ, ugwali u sinifikanti tan-nisa fit-teħid ta' deċiżjonijiet relatati mal-klima u li jissodisfa bis-sħiħ l-obbligi tagħna dwar id-drittijiet tal-bniedem meta nieħdu azzjoni biex nindirizzaw it-tibdil fil-klima. L-UE ser tkompli tappoġġa wkoll l-involvement sinifikattiv taż-żgħażaġh u tat-tfal fil-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet dwar it-tibdil fil-klima, kif ukoll l-edukazzjoni dwar il-klima u s-sensibilizzazzjoni tal-pubbliku dwar it-tibdil fil-klima. Il-Kunsill jilqa' r-rikonoxximent mill-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Assemblea Ġenerali tan-NU li d-dritt għal ambjent nadif, f'saħħtu u sostenibbli huwa dritt tal-bniedem. L-UE ser tinvolvi ruħha b'mod attiv f'diskussjonijiet li javvanzaw dan id-dritt u ser tippromwovi l-inklużjoni u n-nondiskriminazzjoni. Il-Kunsill jirrikonoxxi l-kontribut tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem fil-qasam ambjentali, li qed jiffaċċjaw livelli bla preċedent ta' theddid u attakki.
43. Il-Kunsill jistieden lir-Rappreżentant Għoli, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri kollha biex isaħħu d-Diplomazija tal-UE fl-oqsma tal-Klima u tal-Enerġija bħala prijorità politika, permezz ta' koordinazzjoni intensifikata, skambju ta' informazzjoni u tisħiħ tad-Delegazzjonijiet tal-UE u l-ambaxxati tal-Istati Membri, u networks tal-UE u internazzjonali u gruppi ta' ħidma rilevanti. Il-Kunsill jinkoraġġixxi l-missjonijiet ta' sensibilizzazzjoni tal-UE u tal-Istati Membri dwar il-klima u l-inizjattivi reġjonali, inkluż dawk konġunti, speċjalment fit-tħejjija għall-COP 28 u r-Rendikont Globali. Il-Kunsill jenfasizza l-ħtieġa għal aktar koordinazzjoni bħala rispons għal kampanji ta' miżinformazzjoni u diżinformazzjoni li għandhom l-għan li jiskreditaw l-azzjonijiet tal-UE. Il-Kunsill ser isegwi regolarment il-ħidma konġunta biex jikkoordina u jsaħħaħ l-impatt diplomatiku tal-UE dwar il-klima u l-enerġija, u jistieden lir-Rappreżentant Għoli u lill-Kummissjoni jsaħħu l-kapaċità tagħhom iddedikata għad-Diplomazija tal-UE dwar il-Klima u l-Enerġija.
44. L-UE u l-Istati Membri tagħha jirringrazzjaw lill-Gvern tal-Eġittu talli ospita l-COP27 f'Sharm El-Sheikh u jistennew b'interess li jaħdmu mal-Presidenza li jmiss tal-COP28 tal-Emirati Għarab Magħquda u s-sħab kollha lejn eżitu ta' suċċess u ambizzjuż tal-COP28.